# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Frar, 2002.**

**Kawza Numru: 5**

**Citaz. Nru. 631/00GV**

Doc. 201-02

**Dolmen Complex Limited**

**-vs-**

**Imnarja Ventures Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sitt elef disa' mija u wiehed u erbghin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm6,941.75) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra pprovduti fuq struzzjonijiet taghha, kif jidher minn prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Premess illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali datata Lulju, 1999, izda xorta baqghet inadempjenti.

Premess illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) stante li fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni x'taghti kontra t-talbiet tas-socjeta attrici u l-istanti qed jannetti affidavit hawn immarkat Dok. B a tenur tal-istess artikoli tal-kap. 12 hawn fuq indikati.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talbiet tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef disa' mija u wiehed u erbghin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm6,941.75), rapprezentanti prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra provduti mis-socjeta' attrici, kif hawn fuq premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata Lulju, 1999, u bl-imghax sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Imnarja Ventures Limited a fol. 11 tal-process fejn eccepiet:

Illi s-socjeta' konvenuta m'hijiex il-legittimu kontradittur *di fronte* ghal din it-talba billi hi ma ordnatx ebda akkomodazzjoni minghand is-socjeta' attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

Is-socjeta' attrici qed titlob lil dina l-Qorti: tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef disa' mija u wiehed u erbghin Lira Maltin u hamsa u sebghin

centezmu (Lm6,941.75) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra pprovduti mis-socjeta' attrici.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li s-socjeta' konvenuta m'hiex il-legittimu kontradittur *di fronte* ghal din it-talba billi hi m'ordnat ebda akkomokdazzjoni minn ghand is-socjeta' attrici.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-mori tal-kawza l-konvenuti ghamlu pagament ta' (elfejn Lira Maltin) Lm2,000 u s-sorte gie ridott ghal Lm4,941.75. Il-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza billi l-konvenuti naqsu milli jkomplu bil-pagamenti.

Hlas ifisser l-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni Art. 1146 Kap. 16. L-obbligazzjoni tista' tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn kull persuna Art. 1148. Il-pagament iffisser l-ammissjoni tat-talba.

Fil-kaz in ezami l-unika eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta kienet li hija ma kienitx il-legittimu kontradittur. Is-socjeta' konvenuta fil-fatt ghamlet pagamenti akkont tat-talba attrici, ghalhekk it-talba hija ammessa. Din kienet l-unika eccezzjoni tal-konvenuti. Mill-bqija ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont mitlub.

Ghal kull *buon fini* jinghad li skond il-kuntratt a fol. 19, il-ftehim kien bejn Joe Abela ghan-nom ta' Imnarja Ventures u s-socjeta' attrici. L-ammont mitlub ikopri l-istess perjodu tal-kuntratt. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta hija legittimu kontradittur.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4,941.75 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra pprovduti mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**